MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 366/2006/1

**GO p.l.c.**

**vs**

**Schembri Infrastructures Limited**
**gia` General Road Servicing Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Frar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikatipprezentat fil-21 ta' Novembru tas-sena 2006 izda stranament imhallas l-ghada, (ara it-timbri ufficcjali a fol 1), li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u tnax –il Lira Maltin, u tnejn u tmenin centezmu, (LM3712.82,0), in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt xoghlijiet fi Triq l-Imdina, Zebbug, Malta f’April tas-sena 2005 u dan skond fattura bir-riferenza MC00193 datata 10 ta’ Settembru tas-sena 2005; (GT3/2005/17);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittri ufficcjali, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata datata l-1 ta’ Dicembru tas-sena 2006 li permezz taghha wiegbet is-segwenti:

1. Ili d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ghall-incident li fih is-socjeta’ attrici tallega li sofriet il-hsara msemmija fir-rikors, is-socjeta’ eccippjenti ma kellha l-ebda htija;

2. Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xheida prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament jigi sottolineat li fil-procedura odjerna s-socjeta’ attrici giet intromessa biss wara rikors appozitu u digriet relattiv datat it-

28 ta’ Novembru tas-sena 2007 wara li s-socjeta’ de quo bidlet isimha;

2. Illi l-vertenza odjerna hi naxxenti minn rapport maghmul minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici datat id-19 t’April tas-sena 2005, li l-gurnata ta’ qabel kien instabu xi “cables” ta’ l-istess socjeta’ maqtughin fi Triq l-imdina, Haz-Zebbug;

3. Illi fil-post fejn instabet il-hsara in dizamina kien qed jahdem Anthony Schembri tas-socjeta’ konvenuta;

4. Illi kif jidher mid-dokumenti mghoddija lis-socjeta’ intimata qabel ma beda x-xoghol ta’ skavar de quo, fil-post fejn kellu jsir dan ix-xoghol kien hemm diversi “cables” proprjeta’ tas-socjeta’ attrici;

5. Illi jidher li meta beda jsir it-thaffir kien ukoll individwat il-post fejn kien hemm il-“cables” u gew debitament immarkati biz-zebgha skond l-uzu korrenti f’dawn ic-cirkostanzi;

6. Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta kienet obbligata ma tkomplix tqatta’ bl-ingenji kbar u nonostante dan ma ghamlitx hekk u kkagunat il-hsarat de quo;

7. Illi skond id-dokumenti esebiti l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici hu debitament ipprovat;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi r-riposta tas-socjeta’ intimata, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta’ intimata hi unikament responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta’ attrici;

2. Tillikwida dan id-danni fl-ammont ta' tmint elef u wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€8,621.81);

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata Schembri Infrastructures Limited (C17388) biex thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici, Go p.l.c., bl-ispejjez.**"**

Bl-appell taghha minn din is-sentenza s-socjeta\` konvenuta tiddenunzja illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghaliex, skond l-assunt taghha, minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta illi hi kienet responsabbli mill-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet fil-lokalita\` fejn sehh id-dannu fil-*cables*;

Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-atti jistghu jigu rikapitolati kif gej:-

(1) Bhala parti mill-Protokoll Finanzjarju bejn il-Gvern Malti u dak Taljan, l-Awtorita\` dwar it-Trasport ta' Malta kkummissjonat lis-socjeta\` estera Integra Srl bix-xoghlijiet ta' rinnovament ta' Triq l-Imdina, Haz-Zebbug. Ara *Letter of Acceptance of Tender* mibghuta mill-ADT lil din l-ahhar imsemmija socjeta\` a fol. 64 tal-process. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Chircop a fol. 60. Ghal dawn ix-xoghlijiet saret applikazzjoni ghar-*Road Works Permit* li giet approvata. Fuq din l-applikazzjoni jikkonfiguraw bhala l-kuntrattur is-socjeta\` estera u bhala *asphalt supplier* is-socjeta\` Bonnici Brothers. Ara dokument relattiv a fol. 63;

(2) Jirrizulta illi fil-kors ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet intlaqtu *cables* tal-kumpanija attrici u gew kawzati hsarat. Huwa versu l-irkupru ta' dawn l-istess hsarat li l-azzjoni attrici hi indirizzata;

Premessi dawn il-fatti ewlenin u hekk limitativi ghall-iskop ta' l-investigazzjoni ta' l-aggravju dedott, huwa wisq ovvju

illi l-akkoljiment jew ir-rigett ta’ l-ilment sottopost jiddependi ghal kollox mill-valutazzjoni ta’ l-istess fatti esposti u tal-provi l-ohra l-aktar sinjifikattivi ghall-punt in diskussjoni. Dak, cjoe, jekk is-socjeta` konvenuta appellanti kienetx il-kumpanija responsabbli mill-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet fil-mument li ntlaqtu il-*cables*;

B’introduzzjoni ghall-konsiderazzjonijiet li ser isiru aktar ‘il quddiem din il-Qorti, kif gja kellha l-opportunita` tirregistra fi skorta ta’ decizjonijiet taghha, thoss li ghandha tirriafferma illi l-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi hu process imholli lill-apprezzament prudenti tal-gudikant. Huwa proprju lil dan li l-ligi taffida s-setgha diskrezzjonali li jevalwa l-elementi varji istruttorji tal-kaz. Tali evalwazzjoni mhix wahda limitata ghall-ezami izolat ta’ xi element jew elementi singoli imma ghandha tkun wahda globali fil-kwadru ta’ indagini unitarja. Dan kollu qed jigi hawn enfasizzat billi hu manifest mill-kontenut ta’ l-aggravju illi s-socjeta` appellanti qeghda tappilja ruhha mal-kontenzjoni illi certa xhieda u certa dokumentazzjoni jsostnu s-sottomissjoni taghha illi responsabbli mix-xoghlijiet ma kienetx hi imma kumpaniji terzi, ossija s-socjeta` estera Integra Srl u r-rapprezentanti taghha Bonnici Brothers Limited;

Ghar-rigward ta’ din il-kwestjoni jkollu jinghad, fuq ir-riezami minn din il-Qorti tal-provi, illi s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti la tirrizulta logika u lanqas ko-erenti fil-kumpless tal-kwadru shih tal-provi;

Ghat-tishih ta’ dak appena dedott jassumu, certament, importanza dawn l-elementi li gejjin estratti mill-provi:-

(1) Fix-xhieda tieghu a fol. 106, Joseph Bonnici, *overseer* mal-kumpanija attrici, jiddikjara illi l-kuntrattur responsabbli mit-thaffir tat-triq fejn intlaqtu l-*cables* “kien Schembri”;

(2) WPC 171 Liliana Mifsud tindividwa b'aktar precizjoni illi l-persuna responsabbli kien Edward Anthony Schembri, Manager tas-socjeta` General Road Servicing Limited. Din ix-xhud tikkonferma illi hi kienet kellmet lil din il-persuna fl-Ghassa tar-Rabat, fejn dan ammetta maghha li kien ressaq il-*cables* mil-lok fejn kienu ghal post iehor. Ara deposizzjoni ta' din ix-xhud a fol. 55 u l-Police Incident Report a fol. 57;

(3) Forsi, l-aqwa prova li torbot lis-socjeta` appellanti max-xoghlijiet ezegwiti jaghmilha d-dokument a fol. 65, rilaxxjat mis-socjeta` barranija Integra Srl, indikanti r-rapprezentanti lokali taghha ghal fini ta' l-appalt kommissjonat. Fih jinghad *expressis* illi s-socjetajiet Bonnici Bros. Limited u General Road Servicing Limited kienu konguntament awtorizzati li jirrapprezentaw lis-socjeta` estera succitata fuq il-parti teknika tal-progett. Addizzjonalment, li z-zewg kumpaniji, kif rapprezentati, "*are hereby also specifically authorised to sign, either jointly or independently, any application to any local authority, that may be necessary for the efficient execution of the works undertaken by the sub-contractors.*" Huwa fl-ambitu ta' din l-awtorita` koncessa li ssib spjega l-applikazzjoni ghal "Road Works Permit" a fol. 63;

Indubitament, ghal din il-Qorti dawn ic-cirkustanzi kollha flimkien jikkostitwixxu prova sufficjenti illi s-socjeta` konvenuta appellanti kienet immiskjata fix-xoghlijiet li saru u allura, minn din l-ottika, il-konkluzjoni ma tistax hlief tkun illi l-appell mhux fondat. Jigi finalment notat illi s-socjeta` appellanti ma ddeduciet ebda gravam kontra s-sentenza appellata in mertu ghar-responsabilita` accertata tad-danni u dan ifisser illi hi akkwejiet ruhha ghal dak li rreteniet l-ewwel Qorti. Dan fis-sens illi kien l-agir imprudenti taghha fit-twettiq tax-xoghlijiet il-kawza diretta u immedjata ta' l-event leziv ghall-interessi tas-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------